

Brussell, 14 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

13103/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0224 (NLE)**

---

---

**EUROJUST 171  
CATS 120  
COPEN 386  
CSC 237**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 471 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-Istat Membru li tiegħu l-membru nazzjonali jiġi elett President tal-Eurojust

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 471 final.

Mehmuż: COM(2019) 471 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.10.2019  
COM(2019) 471 final

2019/0224 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-Istat Membru li tiegħu l-membru nazzjonali jiġi  
elett President tal-Eurojust**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA<sup>1</sup> ("ir-Regolament tal-Eurojust"), il-Kunsill għandu, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kumpens li jkun disponibbli għal Stat Membru li l-membri nazzjonali tiegħu jiġi elett bħala President tal-Eurojust sat-12 ta' Diċembru 2019. F'konformità mal-Artikolu 11(7) tar-Regolament tal-Eurojust, Stat Membru jista', meta l-membri nazzjonali tiegħu jiġi elett President, jissekonda persuna oħra kwalifikata kif xieraq biex issaħħaħ l-uffiċċju nazzjonali għal kemm idum il-mandat ta' dak ta' qabel bħala President.

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Eurojust ġie adottat fl-14 ta' Novembru 2018. Skont l-Artikolu 12(1) u (2) tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu biex jiġi stabbilit kumpens, li jkun irid isir disponibbli għal Stat Membru, jekk il-membri nazzjonali ta' dak l-Istat Membru jkun ġie elett President tal-Eurojust. F'konformità mar-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitlob il-kumpens mill-Kulleġġ tal-Eurojust, u jipprovdri ġustifikazzjoni għall-ħtieġa li jissaħħaħ l-uffiċċju nazzjonali tiegħu minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol.

L-iskop tal-mekkaniżmu ta' kumpens huwa li l-Istat Membru kkonċernat jingħata sostenn, meta l-membri nazzjonali tiegħu jiġi elett bħala President u meta l-uffiċċju nazzjonali rilevanti jkun jeħtieġ tisħiħ sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu.

#### **• Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 85 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Eurojust tkun regolata minn Regolament, adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Wieheċ mill-għanijiet tar-Regolament tal-Eurojust huwa li jsaħħaħ il-funzjonijiet operazzjonali tal-Eurojust billi jnaqqas l-ammont ta' xogħol amministrattiv tal-membri nazzjonali. Ir-rwol tal-President se jkun jinvolvi aktar kompiti ta' ġestjoni u ta' amministrazzjoni, u għalhekk se jkun ta' sfida għalih jew għaliha li jiffokaw kompletament fuq kwistjonijiet operazzjonali. Għal din ir-raġuni, iddaħħlet il-possibbiltà għall-Istat Membru kkonċernat li jissekonda persuna oħra kwalifikata kif xieraq għall-Eurojust, li għaliha dan l-Istat Membru jenħtieġ li jiġi kkumpensat skont ir-regoli rilevanti.

B'din il-proposta, il-Kummissjoni timplimenta l-obbligu legali tagħha skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Eurojust. Il-proposta hija għalhekk konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti f'dan il-qasam.

#### **• Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u mal-ħidma leġislattiva li għandha l-għan li timplimenta żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif stabbilit taħt it-Titolu V tat-TFUE, inkluż il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Dan il-prinċipju huwa l-prinċipju fil-qalba tal-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

## **2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Eurojust.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Eurojust, il-Kummissjoni hija legalment obbligata li tissottometti proposta għad-determinazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens. Din il-proposta hija essenzjali biex tiżgura li l-Istat Membru, li l-membru nazzjonali tiegħu jkun elett President, jista' jitlob tali kumpens, fil-każijiet determinati mir-Regolament tal-Eurojust.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġettivi proposti, u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija marbuta direttament mal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Eurojust.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Din il-proposta tikkonċerna obbligu fuq il-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Eurojust. Minħabba s-sustanza tagħha, il-Kummissjoni ma tarax il-ħtieġa għal evalwazzjoni ex-post, għal konsultazzjoni mal-partijiet interessati jew għal valutazzjoni tal-impatt.

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

F'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament tal-Eurojust, l-ispejjeż tal-mekkaniżmu ta' kumpens għandhom jiġġarrbu mill-baġit tal-Eurojust.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemmx bżonn ta' implimentazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-mekkaniżmu ta' kumpens u jikkonċerna l-applikazzjoni għal kumpens u l-perjodu li fih din l-applikazzjoni tkun tista' tiġi trażmessa lill-Eurojust.

L-Artikolu 2 jipprovdi aktar dettalji dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kulleġġ.

L-Artikolu 3 jirreferi għall-kalkolu tal-ammont ta' kumpens li jista' jiġi rimborżat.

L-Artikolu 4 jirregola d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar mekkaniżmu ta' kumpens għall-Istat Membru li tiegħu l-membri nazzjonali jiġi elett President tal-Eurojust**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA<sup>2</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-membri nazzjonali elett bħala President tal-Eurojust ser ikollu funzjonijiet addizzjonali bħala President skont ir-Regolament (UE) 2018/1727 u r-regoli ta' proċedura tal-Eurojust.
- (2) It-tweġġ tal-funzjonijiet ta' President ser jinfluwenza l-ammont ta' xogħol tad-deputat u tal-Assistent mill-Istat Membru, li l-membri nazzjonali tiegħu jkun ġie elett bħala President, u l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li jissekonda persuna oħra kwalifikata kif xieraq biex jissaħħa l-uffiċċju nazzjonali għal kemm idum il-mandat tal-President.
- (3) L-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2018/1727 jipprovdi li f'dawk il-każijiet fejn persuna addizzjonali tiġi ssekondata, l-Istat Membru kkonċernat huwa intitolat li japplika għal kumpens.
- (4) Jenħtieġ li mekkaniżmu għal kumpens jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tar-rimborż attwali tal-ispejjeż tal-għajxien u spejjeż oħra assoċjati bejn membri nazzjonali elett President u persuna addizzjonali ssekondata mill-Istat Membru kkonċernat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Stat Membru, li l-membri nazzjonali tiegħu jkun ġie elett President tal-Eurojust u li jkun issekonda persuna oħra mal-uffiċċju nazzjonali tiegħu għal din ir-raġuni, intitolat skont l-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) 2018/1727 biex japplika għal kumpens lill-Kulleġġ tal-Eurojust, għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) id-deċiżjoni tal-Istat Membru kkonċernat dwar l-issekondar ta' dik il-persuna;

<sup>2</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

- (b) ġustifikazzjoni għall-ħtieġa li jiġi rinfurzat l-uffiċċju nazzjonali tiegħu minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol;
  - (c) dettalji dwar is-salarju gross fix-xahar nazzjonali tal-persuna sekondata;
  - (d) dettalji dwar kwalunkwe spejjeż ta' għajxien u spejjeż oħra assoċjati pprovduti lill-persuna sekondata skont il-liġi nazzjonali;
  - (e) dettalji dwar il-kont li għalih il-kumpens għandu jiġi trasferit.
2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat l-applikazzjoni għal kumpens lill-Kulleġġ tal-Eurojust fi żmien sitt (6) xhur mill-issekondar tal-persuna.

### *Artikolu 2*

1. Il-Kulleġġ tal-Eurojust għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' kumpens fi żmien raġonevoli.
2. L-Istat Membru kkonċernat huwa intitolat għal kumpens sakemm il-membru nazzjonali tiegħu jidm President u għall-perjodu kemm iddum issekondata l-persuna kkonċernata.

### *Artikolu 3*

1. F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727, il-Eurojust għandha tirrimborża lill-Istat Membru kkonċernat kif ġej:
- (a) 50 % tas-salarju gross fix-xahar nazzjonali tal-persuna ssekondata; kif ukoll
  - (b) l-ispejjeż tal-għajxien u spejjeż oħra assoċjati li fil-fatt jiġġarrbu mill-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-persuna ssekondata.
2. L-ispejjeż imsemmija fil-punt b) tal-paragrafu 1, għandhom jiġu rimborżati biss jekk il-persuna ssekondata tkun intitolata skont il-liġi nazzjonali għal kwalunkwe tip ta' allowance jew ta' pagamenti li jikkorrispondu għall-ispejjeż, li jkunu komparabbli fin-natura tagħhom għal dawk li jsir provvediment għalihom fl-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal")<sup>3</sup>, bħal ma huma: l-allowance tal-familja, l-allowance tal-espatrijazzjoni, ir-rimborż tal-ispejjeż marbuta mal-assunzjoni tad-dmirijiet, inkluż l-allowance tal-istallazzjoni, l-allowance ta' rinstallazzjoni, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tat-tneħħija, l-allowance tas-sussistenza ta' kuljum.
3. Il-Eurojust għandha tirrimborża lill-Istat Membru kkonċernat skont il-kundizzjonijiet u l-limiti finanzjarji applikabbli f'dak l-Istat Membru. Fi kwalunkwe każ ma għandhomx jaqbz u l-ammonti massimu tal-benefiċċji jew tal-ħlasijiet li jikkorrispondu mal-ispejjeż, previsti fl-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

---

<sup>3</sup> Stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-29 ta' Frar 1968 (ĠU L 56, 4.3.1968).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*